MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Numru 815/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Ivan Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta tal-identita’ numru 481575m, talli nhar it-22 ta’ Mejju 2012 ghal habta tat-15.15 hrs fi Triq it-Trunciera San Pawl il-Bahar:

1. volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Benhard Krahwinkwel;
2. fl-istess cirkostanzi kiser il-bon ordni pubbliku b’ghajjat u glied;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ u tigi deciza sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti huma s-segwenti: fit-22 ta’ Mejju ta’ sentejn ilu ghal habta tat-tlieta u kwart ta’ wara nofsinhar il-kwerelant kien hiereg bil-vettura mill-garaxx tal-lukanda San Antonio sita f’Triq it-Trunciera, Bugibbba, liema uscita kienet parzjalment blokkata minn vann tal-imputat li kien xi hin qabel caqalqu minn fejn kien hallieh quddiem il-hanut tieghu waqt li kien qieghed ihott xi merkanzija ghal gewwa l-hanut tieghu.

L-imputat stqarr li waqt il-hatt kien gie ordnat mill-pulizija biex jressaq l-imsemmi vann stante li kien qed jikkreja ostakolu. Fil-fatt hekk ghamel u resqu faccjata tal-hanut quddiem il-parkegg. Kien skorra xi hin u l-kwerelant ghamel biex johrog mill-parkegg. Beda idoqq il-horn u xi hin wara avvicina lill-imputat u talbu sabiex icaqlaq il-vann billi ma setghax jghaddi. L-imputat fi kliemu qallu “issa kif inhottu nnehhieh”. Hawnhekk, il-kwerelant li kien rritorna fil-karozza tieghu, ghadda xi kumment u l-imputat resaq lejh, biex jara x’qallu. Fi kliem l-imputat dan qallu li kien ser jirraportah lill-pulizija u zied “it could even be your mother”. Kompla testwalment jghid l-imputat: “dak il-hin ma tajtx kas u dawwart rasi u ghidtlu “what?” u kif ressaqt rasi ezatt mal-hgiega jfajjarli daqqa minnufih”. Hawnhekk, l-imputat irrikonoxxa li fil-waqt li d-daqqa li tah il-kwerelant ipprokuratlu ‘tbengila kbira vjola’ jghid “jien tajtu lura u cert mija fil-mija li lqattu go halqu’. Mitsoqi fl-liema parti ta’ persuntu qala’ d-daqqa l-imputat jghid li fuq idejh meta kien serrahom mal-hgiega tal-vettura u sa fejn jaf l-kwerelant laqtu b’cellulari.

Din il-versjoni ma tantx hi differenti minn dik li ta lill-Ispettur Prosekutur meta irrilaxxja l- stqarrija (fol.27 et seq). Stqarr hawnhekk li l-vann poggieh fuq in-naha l-ohra tat-triq ‘nofsu fuq double yellow line’ u li dak il-hin waqaf pjazzista jaghmel xi ordni ta’ ‘souvenirs’ u ghad jitkellem mieghu. Fil-frattemp l-kwerelant ghamel biex johrog mill-parkegg tal-lukanda, daqq il-horn, u ghall-ewwel hu injorah anka ghaliex, dejjem skond l-imputat, kien hemm spazju bizzejjed biex karozzi jidhlu u johorgu mill-parkegg. Meta xehed ‘viva voce’ insista li kien l-kwerelant li fajjar l-ewwel daqqa f’idejh meta serraha mal-hgiega tal-vettura tal-kwerelant u fl-istqarrija spiega li “bil-hasda gbit idejja pero’ l-istint taghni li xejjirtlu daqqa lura, pero’ ma lqattux”.

Din il-versjoni tal-fatti hija naturalment, fil-parti materjali taghha, kontradetta mill-kwerelant. Hu stqarr li appena l-imputat avvicinah meta kien gewwa l-vettura tieghu u hu infurmah li kien ser icempel lill-Pulizija, fil-fatt kien dak il-hin qieghed icempel lil reception tal-lukanda, l-imputat aggredih. Sostna l-kwerelant li l-ispazju biex jimmanuvra l-vettura tieghu barra l-parkegg kienet ristretta hafna u l-imputat kien irrifjuta li jressaq il-vann.

Dwar il-griehi li sofra l-kwerelant tali jirrisultaw fil-ksur ta’subghajh iz-zghir tal-lemin u lacerazzjoni fuq ix-xufftejn wkoll tan-naha tal-lemin.

Fuq din l-espozizzjoni tal-fatti l-Qorti tafferma li l-imputat irrenda ruhhu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu: rigward l-ewwel - li volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi – stante li jirrizulta li l-ferita subita mill-kwerelant f'subghajh iz-zghir damet aktar minn tletin gurnata minhabba l-ksur u fejn u f'kull kaz mhiex applikabbli l-iskuzanti tal-provokazzjoni billi kien l-imputat li semmai ipprovoka l-ewwel; rigward it-tieni – l-ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet pubbliku - fuq interpretazzjoni gurisprudenzjali kostanti tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 li fuqu hi msejsa din l-imputazzjoni:  li tavverra ruhha kull meta ikun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minnu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (mhux l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika tieghu jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilta' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Inghad dan, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 216(1)(c), 338(dd) u 17(d) tal-Kap 9. Tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal-zmien sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija f'dan il-perjodu operattiv.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------